**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **785/2021**

**RAYMOND ZAMMIT (KI 372261M) U**
**PAUL FARRUGIA (KI 59349M)**

**VS**

**JOSEPHINE ZAHRA**
**U ŻEWĠHA JOSEPH SIVE JOE ZAHRA,**
**ANDREW U MATTHEW AĦWA ZAHRA, U**
**ANDREW GALEA**
**U**
**DR CYNTHIA TOMASUOLO U PL JEAN PIERRE BUSUTTIL**
**LI B'DIGRIET TAS-17 TA' FRAR 2022 ĠEW MAĦTURA KURATURI DEPUTATI SABIEX JIRRAPREŻENTAW SIDIEN ISIMHOM MHUX MAGĦRUF**
**U**
**B'DIGRIET TAL-4 TA' MARZU 2024,**
**L-AV. KRISTINA BUSUTTIL**
**INĦATRET BĦALA KURATUR DEPUTAT MINFLOK L-AV. CYNTHIA TOMASUOLO**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali sabiex tiġi ordnata l-likwidazzjoni tal-eredita' derivanti mid-defunt Karmenu Farrugia, u d-diviżjoni ta' medda art ta' circa dsatax (19)–il tomna fil-kontrada "tal-Papa", limiti ta' Birżebbuġa.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat nhar is-sitta (6) t'Awwissu 2021, ir-rikorrenti **Raymond Zammit et** ippremettew:

   a. *Illi l-kontendenti huma ko-proprjetarji ta' medda art ta' circa dsatax (19)-il tomna fil-kontrada tal-Papa limiti ta' Birżebbuġa liema porzjoni ta' art qiegħed jiġi dilenjat bil-kulur isfar fuq is-site plan hawn annessa u mmarkata Dok A;*

   b. *Illi fuq l-art appena ndikata hemm ukoll razzett immarkat bil-kulur blue fuq l-istess site plan annessa Dok A;*

   c. *Illi din il-medda art, oriġinarjament kienet tappartjeni lil ċertu Angelo Galea li huwa antenat tar-rikorrenti Andrew Galea;*

   d. *Illi permezz ta' tliet kuntratti diversi, u cioe fl-atti tan-Nutar Dr Emanuele Agius tad-19 ta' Mejju 1945, ieħor tal-ħamsa (5) ta' Settembru 1953 fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino, u ieħor tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 1955 fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino, kopji hawn annessi u mmarkati bħala Dok B, C u D rispettivament, Paul Farrugia bin Francesco u Rosina nee Farrugia, l-awtur tar-rikorrenti, xtara u akkwista disa' (9) tomniet mingħand l-aventi causa tal-intimat Andrew Galea u eredi oħra isimhom mhux magħruf;*

e. *Illi Karmenu Farrugia miet nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju 1974 u dan kif jirriżulta mill-kopja taċ-ċertifikat tal-mewt kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok E, u miet intestat;*

f. *Illi l-imsemmi Karmenu Farrugia ħalla bħala eredi tiegħu lil ħames (5) ulied u cioe r-rikorrent Paul Farrugia, Margaret Farrugia miżżewġha Zahra, Vincent Farrugia, Antonia Farrugia miżżewġa Zammit u Francis Farrugia fi kwoti ta' ishma ndaqs;*

g. *Illi Vincent Farrugia kien xtara u akkwista kull sehem u cioe wieħed (1) minn ħamsa (5) li oħtu Margaret Zahra kienet tappartjeni mill-għalqa mertu ta' din il-vertenza;*

h. *Illi l-intimat Joe Zahra u uliedu kienu xtraw u akkwistaw is-sehem u cioe wieħed (1) minn ħamsa (5) li kien jippossjedi Francis Farrugia u kienu wkoll wirtu dak li kien jippossjedi Vincent Farrugia, u cioe żewġt (2) ishma minn ħamsa (5);*

i. *Illi r-rikorrenti Raymond Zammit kien wiret is-sehem appartenenti lil Antonia Zammit u cioe wieħed (1) minn ħamsa (5);*

j. *Illi għalhekk illum il-ġurnata s-sitwazzjoni hija tali fejn l-intimati konjuġi Zahra u uliedhom jippossjedu tliet (3) ishma minn ħamsa (5) indiviżi minn disa' (9) tomniet; ir-rikorrenti jippossjedu żewġt (2) ishma minn ħamsa (5) indiviżi minn disa' tomniet, filwaqt li l-intimat l-ieħor Andrew Galea, flimkien ma' eredi oħra isimhom mhux magħruf, jippossjedi għaxar (10) tomniet indiviżi mill-area oriġinali ta' dsatax (19)-il tomna;*

k. *Illi kwantu jirrigwarda r-razzett li jinsab mibni fuq l-istess art, dan jinsab fil-pussess sew tar-rikorrenti kif ukoll tal-intimati Zahra, u wkoll fil-kwoti sovra indikati;*

l. *Illi l-kontendenti pruvaw kemm-il darba jiddividu t-territorju u l-benefikati fuqu bl-aħħar tentattiv ikun wieħed riċenti fejn għalkemm ir-rikorrenti u*

*l-intimat Andrew Galea jaqblu mad-diviżjoni kif proposta, kopja hawn annessa u markata Doc F u Doc G, l-intimati l-oħra Zahra qegħdin joġġezzjonaw għal tali abbozz;*

m. *Illi r-rikorrenti ma jridux jibqgħu fi stat ta' komproprjeta' mal-intimati l-oħra;*

n. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

   *i.* *Tillikwida l-eredita' derivanti mid-defunt Karmenu Farrugia fi kwoti ndaqs ta' wieħed minn ħamsa (1/5) favur il-ħames uliedu, u cioe r-rikorrent Paul Farrugia, Margaret Farrugia miżżewġha Zahra, Vincent Farrugia, Antonia Farrugia miżżewġa Zammit u Francis Farrugia;*

   *ii.* *Tikkonferma illi l-intimati konjuġi Zahra u uliedhom jippossjedu tliet (3) ishma minn ħamsa (5) indiviżi minn disa' (9) tomniet; ir-rikorrent jippossjedu żewġ (2) ishma minn ħamsa (5) indiviżi minn disa' (9) tomniet, filwaqt li l-intimat l-ieħor Andrew Galea u oħrajn mhux magħrufa jippossjedu għaxar (10) tomniet indiviżi mill-area oriġinali ta' dsatax (19)-il tomna;*

   *iii.* *Tiddividi l-art mertu ta' din il-vertenza f'żewġ porzjonijiet u cioe wieħed ta' disat (9) itmiem rappresentanti l-eredi ta' Karmenu Farrugia kif sussegwentement tramess bejn l-istess eredi u porzjon ieħor ta' għaxar (10) tomniet rappresentanti l-area appartenenti lill-intimat Andrew Galea u proprjetarji oħra isimhom mhux magħruf;*

   *iv.* *Tiddividi l-porzjon ta' disa' (9) tomniet allokat lill-eredi tad-defunt Carmelo Farrugia bejn ir-rikorrenti u l-intimati Zahra u uliedhom f'dawk l-ishma spettanti lilhom skond ma ngħad hawn fuq;*

*v. Tinnomina jekk ikun il-każ Perit Tekniku għall-finijiet ta' diviżjoni tal-art mertu ta' din il-vertenza;*

*vi. Tinnomina Nutar u kuraturi għall-eventwali kontumaċi tal-intimati, u dan sabiex jiġu pubblikati l-atti relattivi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

4. Permezz ta' digriet mogħti fil-ħamsa u għoxrin (25) t'Awwissu 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, tnax (12) t'Ottubru 2021, b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi;

5. L-intimat Andrew Galea, debitament notifikat nhar it-tlettax (13) ta' Settembru 2021, ma intavolax risposta fit-terminu lilu konċess;

6. Permezz ta' risposta datata għoxrin (20) ta' Jannar 2022, l-intimati **Joseph u Josephine Zahra, u Andrew u Matthew Zahra** eċċepew:

   *Illi filwaqt li huma jaqblu li l-għelieqi li hemm miżmumin in komuni bejn il-partijiet f'din il-kawża għandhom jinqasmu bejn il-ko-proprjetarji skond il-kwoti rispettivi tagħhom, jemmnu li l-iter li jrid jiġi segwit sabiex tinqasam l-art għandu jkun wieħed differenti sabiex jilħaq l-iskop rikjest u minkejja dawn ir-raġunijiet segwenti, it-talbiet rikorrenti għandhom jintlaqgħu bl-ispejjeż jinqasmu bejn il-partijiet għas-segwenti raġunijiet:*

   *a. Li filwaqt li hemm qbil li l-Partijiet huma ko-proprjetarji ta' medda art ta' ċirka dsatax (19)-il tomna sitwata fil-limit ta' Tal-Papa, Birżebbuġa, jeħtieġ li l-ewwel jiġi determinat il-konfini ta' din l-art;*

   *b. Li sussegwentement jaqblu li għandha ssir diviżjoni bejn l-art tal-familja Galea kif rappreżentata minn Andrew Galea u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw sidien isimhom mhux magħrufa u dik mixtrija minn Carmelo Farrugia maż-żmenijiet, jekk komodament divisibbli, f'żewġ*

*biċċiet li jirriflettu b'mod ekwu il-kwoti konsistenti fl-għaxar tomniet appartenenti lill-familja Galea u jew il-Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw is-sidien mhux magħrufa u disa' tomniet appartenenti lill-aventi kawża ta' Carmelo Farrugia;*

c. *Li sussegwentement jaqblu li l-Qorti tassenja dik il-porzjon ta' għaxar tomniet lill-familja Galea u jew lill-Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw is-sidien mhux magħrufa u dik il-porzjon ta' disa' tomniet lill-aventi kawża ta' Carmelo Farrugia;*

d. *Li l-Qorti insegwitu għandha taħtar Nutar Pubbliku sabiex jirċievi u jippubblika l-att opportun, kif ukoll kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

e. *Li subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, tordna kemm-il darba li jiġi dikjarat li l-art mhux kommodament diviżibbli skont il-kwoti spettanti lill-partijiet rispettivament, il-bejgħ b'liċitazzjoni tal-istess proprjeta', appartenenti lill-eredi tal-familja Galea u jew il-kuraturi deputati nominati sabiex jirrappreżentaw is-sidien mhux magħrufa u tal-aventi kawża ta' Carmelo Farrugia bil-parteċipazzjoni ta' oblaturi estranei;*

f. *Li, dejjem mingħajr preġudizzju għall-konklużjonijiet raġġiunti supra u in subordinazzjoni għad-dikjarazzjoni li art bejn il-familja Galea u jew lill-Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw is-sidien mhux magħrufa u dik il-porzjon ta' disa' tomniet lill-aventi kawża ta' Carmelo Farrugia hija diviżibbli, li tiddikjara l-medda art fil-limiti ta' Tal-Papa, Birżebbugia, proprjeta' tal-eredi u jew l-aventi causa ta' Carmelo Farrugia, kommodament diviżibbli f'ħames biċċiet li jirriflettu b'mod ekwu l-kwoti tar-rikorrenti Raymond Zammit u Paul Farrugia, kif ukoll tal-intimati konjuġi Zahra u l-intimati aħwa Zahra;*

g. *Li, insegwitu għad-dikjarazzjoni fl-eċċezzjoni preċedenti, l-Qorti tiddividi l-proprjeta' konsistenti f'disa' tomniet, medda art fil-limiti ta' Tal-*

*Papa, Birżebbugia, proprjeta' tal-eredi u jew l-aventi causa ta' Carmelo Farrugia, kommodament diviżibbli f'ħames biċċiet li jirriflettu b'mod ekwu l-kwoti tar-rikorrenti Raymond Zammit u Paul Farrugia, kif ukoll tal-intimati konjuġi Zahra u l-intimati awħa Zahra okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi u dan skond il-pjan ta' qasma fisika u imħaddna, li l-Partijiet, eredi u jew aventi causa ta' Carmelo Farrugia qegħdin ġja josservaw illum (pjanta annessa u mmarkata* ***JZ1****);*

*h. Li sussegwentement jaqblu li l-Qorti tassenja dik il-porzjon hekk diviża fil-kwoti rispettivi tagħhom lir-rikorrenti Raymond Zammit u Paul Farrugia, kif ukoll tal-intimati konjuġi Zahra u l-intimati aħwa Zahra;*

*i. Li l-Qorti insegwitu tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi u jippubblika l-att opportun, kif ukoll kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

*j. Li subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, tordna kemm-il darba li jiġi dikjarat li l-art mhix kommodament diviżibbli skont il-kwoti spettanti lill-partijiet rispettivament, il-bejgħ b'liċitazzjoni tal-istess proprjeta' bil-parteċipazzjoni ta' oblaturi estranei;*

*k. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

7. B'digriet ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta datat sbatax (17) ta' Frar 2022, ġew nominati l-Av Dr Cynthia Tomasuolo u l-PL Jean Pierre Busuttil Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa;

8. Waqt is-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2022, il-partijiet talbu lill-Qorti taħtar Perit Arkitett sabiex wara li jieħu konjizzjoni tal-pjanti esebiti fil-proċess u jaċċedi fuq il-post mertu ta' din il-kawża, jiddetermina u jiddelinea l-konfini tal-ħdax-il tumolo proprjeta' tal-eredi rappreżentati minn Andrew Galea, li baqa' kontumaċi fil-proċeduri odjerni, u tal-Kuratur Deputati u d-disa' tumoli li jifformaw il-proprjeta' tal-intimati Zahra u r-rikorrenti. Il-Qorti laqgħet it-talba u nnominat għal dan il-għan lill-Perit

David Pace bħala Perit Tekniku, a spejjeż provviżorjament bin-nofs bejn il-partijiet;

9. L-Av Cynthia Tommasuolo u l-PL Jean Pierre Busuttil, fil-kwalita' tagħhom ta' Kuraturi Deputati, ġew debitament notifikati bl-atti nhar is-sbatax (17) ta' Mejju 2022, iżda naqsu milli jintavolaw risposta ġuramentata fit-terminu lilhom konċess;

10. B'nota datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2022, il-legali li jippatroċinaw lir-rikorrenti informaw lil din il-Qorti illi r-rikorrent Paul Farrugia kien ġie nieqes nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju 2022; iżda b'nota datata erbatax (14) t'April 2023, l-intimati konjuġi Zahra informaw lil din il-Qorti illi huma kienu akkwistaw is-sehem indiviż illi kellha l-eredi ta' Paul Farrugia, b'dana għalhekk illi ma kienx hemm bżonn ta' leġittimazzjoni tal-atti ta' Paul Farrugia;

11. B'rikors datat sbatax (17) ta' Frar 2023, il-partijiet talbu lil din il-Qorti tinnomina lil Fabio Zammit bħala *surveyor* sabiex jagħmel *"a detailed land survey of field limits (Tal-Papa circa 19 tomoli) including survey of all existing structures, rubble walls and all other necessary details."* Il-Qorti laqgħet it-talba permezz ta' digriet mogħti nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2023;

12. B'nota datata erbgħa (4) ta' Mejju 2023, l-intimati konjuġi Zahra informaw lill-Qorti illi huma kienu waslu għal ftehim sabiex jixtru sehem Raymond Zammit mill-għalqa mertu tal-proċeduri odjerni, u dan permezz ta' konvenju datat ħamsa u għoxrin (25) t'April 2023 illi kien jiskadi fit-tletin (30) ta' Lulju 2023;

13. Ir-rapport tal-Perit Tekniku David Pace ġie ppreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar is-sitta (6) ta' Lulju 2023 u maħluf *seduta stante* nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2023;

14. Wara li rat in-nota ta’ Dr Cynthia Tomasuolo illi permezz tagħha informat lill-Qorti illi hija kienet qed tirreżenja mill-kariga tagħha bħala Kuratur, din il-Qorti kif diversement presjeduta biddlet lil Dr Tomasuolo bl-Avukat Dr Kristina Busuttil.

**Il-Qorti**

15. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti **Raymond Zammit et**, datat sitta (6) t’Awwissu 2021, u d-dokumenti annessi miegħu;

16. Rat illi l-konvenut **Andrew Galea**, debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar it-tlettax (13) ta’ Settembru 2021, ma intavola l-ebda risposta ġuramentata;

17. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati **Joseph u Josephine Zahra, u tal-aħwa Andrew u Matthew Zahra**, datata għoxrin (20) ta’ Jannar 2022, u s-*site plan* annessa magħha;

18. Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif diversement presjeduta datat sbatax (17) ta’ Frar 2022 illi permezz tiegħu nħatru l-Av Dr Cynthia Tomasuolo u l-PL Jean Pierre Busuttil bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien li isimhom mhux magħrufa;

19. Rat illi l-Kuraturi Deputati, debitament notifikati bir-rikors ġuramentat nhar is-sbatax (17) ta’ Mejju 2022, ma intavolaw l-ebda risposta ġuramentata;

20. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess mogħti nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta’ Marzu 2022, illi permezz tiegħu innominat lill-Perit David Pace bħala Perit Tekniku, a spejjeż proviżorjament bin-nofs bejn il-partijiet, sabiex wara li jieħu konjizzjoni tal-pjanti esebiti fil-proċess u jaċċedi fuq il-post mertu ta’ din il-kawża, jiddetermina u jiddelinea l-konfini tal-ħdax-il tumolo proprjeta’ tal-eredi rappreżentati minn Andrew Galea u tal-Kuraturi Deputati, u d-disa’ tumoli li jiffurmaw il-proprjeta’ tal-intimati Zahra u r-rikorrenti;

21. Rat in-nota datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2022, illi permezz tiegħu din il-Qorti ġiet informata illi r-rikorrent Paul Farrugia ġie nieqes nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju 2022;

22. Rat id-digriet mogħti minnha stess nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2023, illi permezz tiegħu, wara talba magħmula mill-partijiet permezz ta' rikors datat sbatax (17) ta' Frar 2023, innominat lis-*surveyor* Fabio Zammit bħala Perit Tekniku sabiex jirrediġi *survey* tal-art kollha formanti l-mertu ta' dawn il-proċeduri, u jħejji rapport konġuntiv mal-Perit Tekniku AIC David Pace;

23. Rat in-nota tal-intimati konjuġi Zahra datata erbatax (14) t'April 2023, illi permezz tagħha informaw lil din il-Qorti illi huma kienu akkwistaw is-sehem illi kien jappartjeni lir-rikorrent Paul Farrugia, b'dana għalhekk illi ma kienx hemm bżonn leġittimazzjoni tal-atti tal-istess Paul Farrugia;

24. Rat in-nota tal-intimati konjuġi Zahra datata erbgħa (4) ta' Mejju 2023 illi permezz tagħha informaw lil din il-Qorti illi huma kienu waslu għal ftehim sabiex jixtru sehem Raymond Zammit mill-għalqa mertu tal-proċeduri odjerni, u illi kienu ffirmaw għal dan l-iskop konvenju datat ħamsa u għoxrin (25) t'April 2023, li kellu jiskadi fit-tletin (30) ta' Lulju 2023;

25. Rat ir-rapport tal-**Perit David Pace** ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar is-sitta (6) ta' Lulju 2023 u debitament maħluf *seduta stante* nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2023 (a fol 125 *et seq* tal-proċess);

26. Rat illi minkejja illi l-intimat Andrew Galea, illi ġie dikjarat fi stat ta' kontumaċja, ngħata terminu ta' xahar sabiex fih jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, huwa ma intavolax nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilu konċess;

27. Rat in-nota tal-Av. Dr Cynthia Tomasuolo illi permezz tagħha informat lil din il-Qorti illi hija kienet qed tirreżenja mill-kariga tagħha bħala Kuratur Deputat;

28. Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif diversement presjeduta datat għoxrin (20) ta’ Frar 2024 illi permezz tiegħu l-Av. Dr Cynthia Tomasuolo ġiet mibdula bl-Av Dr Kristina Bususttil;

29. Rat illi l-intimat Andrew Galea ma intavolax nota ta’ sottomissjonijiet fit-terminu lilu konċess;

30. Rat illi r-rikorrent Raymond Zammit ma trattax il-kawża, u lanqas ippreżenta nota ta’ sottomissjonijiet finali;

31. Semgħet it-trattazzjoni finali tal-intimati konjuġi Zahra waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) t’April 2024;

32. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali tal-Av Dr Kristina Busuttil u l-PL Jean Pierre Busuttil noe;

33. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

34. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

A. Stat ta’ Kontumaċja

35. Huma tnejn il-partijiet illi tqiesu fi stat ta’ kontumaċja ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-kawża odjerna, u cioe l-intimat Andrew Galea, u l-intimati Kuraturi Deputati. L-istess partijiet naqsu wkoll milli jippruvaw għas-sodisfazzjoni tal-Qorti raġuni tajba illi għaliha naqsu milli jippreżentaw risposta ġuramentata. Infatti l-intimat Andrew Galea la deher hu personalment, u lanqas bagħat rappreżentant legali sabiex jidher għan-nom tiegħu waqt xi waħda mis-seduti illi nżammu minn din il-Qorti fil-kawża odjerna. L-Av Kristina Bususttil, fil-kwalita’ tagħha ta’ Kuratur

Deputat sabiex tirrappreżenta lis-sidien mhux magħrufa, dehret biss waqt l-aħħar seduta;

36. Fit-termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti kkonċediet terminu ta' xahar sabiex l-istess żewġ partijiet jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet finali, iżda kienu biss il-Kuraturi Deputati illi għamlu dan, b'nota ta' sottomissjonijiet datata tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2024, a fol 155 *et seq* tal-proċess;

37. Dan kollu kkunsidrat, iżda, huwa stabbilit f'ġurisprudenza nostrana illi l-kontumaċja ma tfissirx, u ma tistax tiġi ekwiparata m'ammissjoni. Referenza ssir għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co Ltd vs Philip Borg Bellanti et***[1], fejn ġie senjalat illi:

> *Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide* **Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;*

38. Il-fatt, għalhekk, illi dawn iż-żewġ partijiet qegħdin jitqiesu bħala fi stat ta' kontumaċja, ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jitlaqgħu t-talbiet rikorrenti. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabbilita' illi tindaga jekk it-talbiet rikorrenti humiex ġustifikati jew le. Dan aktar u aktar fil-każ tal-Kuraturi Deputati, illi ppreżentaw nota ta' sottomissjonijiet illi kienu jinkludu difiża kontra t-talbiet rikorrenti, u irrispettivament mill-fatt illi l-intimat Andrew Galea naqas milli jirrispondi tempestivament għat-talbiet kif

[1] Appell Ċivili Nru 273/2003/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 22 ta' Ġunju 2005. Ara wkoll ***Attard Farm Supplies Limited vs Kollvik Recycling S.L.,*** Rik Ġur 649/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 30 ta' Marzu 2021 (in ġudikat), u ***Besteam Audio Limited vs World Entertainment Company s.r.l.***, Rik Ġur 340/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Anna Felice, 4 ta' Mejju 2022 (in ġudikat)

dedotti fir-rikors ġuramentat u milli jattendi għas-seduti illi nżammu quddiem din il-Qorti.

B. Titolu tal-Partijiet

39. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħhom, l-Av Dr Kristina Busuttil et noe jissottometu illi l-ammont ta' raba' li r-rikorrenti u l-intimati konjuġi Zahra huma proprjetarji tagħhom ma ġiex sodisfaċentament pruvat, bħalma lanqas ġie pruvat illi r-razzett jifforma parti mill-proprjeta' tar-rikorrenti u l-intimati konjuġi Zahra;

40. Mid-dokumenti esebiti in atti jirriżulta illi:

- B'kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Emmanuele Agius nhar id-dsatax (19) ta' Mejju 1945, Carmelo Farrugia akkwista mill-poter ta' Angelo Galea *"il quota collha ta' waħda minn ħames parti (1/5) indivisa li għandu mill-għalka bir-Razzett gio figha li kgħeda fil-limiti ta' Birżebbugia, drabi oħra limiti taż Żurriek, contrada "tal-Papa", għandha l'istess isem tal Papa, figħa il-keil superfiċiali ta dsatax il tomna, tlit siegħan u ħames cheiliet"*[2];

- B'kuntratt ieħor pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino nhar il-ħamsa (5) ta' Settembru 1953, Carmelo Farrugia akkwista mingħand eredi ta' Michele Galea u Antonio Galea, *"quinta parti mhux maqsuma (1/5) tal-għalqa "tal-Papa" limiti ta' Birżebbugia contrada "tal-Papa", in viċinanza tal-Aerodrome ta' "Ħal Far" tal-kejl l-għalqa cirka ta' dsatax il tomna, tliet sigħan u ħames keiliet"*[3];

- Finalment, b'kuntratt ieħor pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 1955, Carmelo Farrugia akkwista mingħand Giuseppe Galea, *"is sesta parti indiviża ta' ħdax minn tletin*

[2] **Dok B**, anness mar-rikors promotur, a fol 7 *et seq* tal-proċess
[3] **Dok C**, anness mar-rikors promotur, a fol 10 *et seq* tal-proċess

*parti indiviża (1/6 ta' 11/30) tal għalqa imsejħa "tal Papa", fil limiti ta' Birżebbugia, kuntrada "tal Papa" in viċinanza tal Aerodrome ta' "Ħal Far", tal kejl l għalqa kollha ta' dsatax il tomna tlitt sigħan u ħames kejliet"*[4];

- Konsegwentement jirriżulta illi Carmelo Farrugia kellu tlieta u tmenin sehem minn mija u tmenin (83/180) tal-għalqa mertu tal-kawża odjerna, illi jikkorrispondu għal cirka disat (9) itmiem;

- Carmelo Farrugia ġie nieqes nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju 1974, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu a fol 18 tal-proċess, u l-wirt tiegħu iddevolva skont il-liġi fuq uliedu Vincent, Francis, Pawlu, Antonia u Margarita. Fid-denunzja ta' trasmissjoni ta' proprjeta' *causa mortis*, sehmu mir-raba' mertu tal-kawża odjerna ġie indikata bħala proprjeta' illi kienet qed tiddevolvi fuq l-eredi tiegħu[5]. Sussegwentement, mal-mewt ta' martu Maria fis-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu 1977, l-istess ħames ulied wirtu n-nofs indiviż (1/2) mid-disat itmiem raba' mertu tal-kawża odjerna[6] illi kien jappartjeni lil Maria miżżewġa Farrugia, b'dana għalhekk illi saru proprjetarji tad-disat (9) itmiem fl-intier tagħhom;

- Ir-rikorrent **Paul Farrugia**, illi ġie nieqes fil-mori tal-kawża odjerna, kien wieħed mill-eredi ta' Carmelo u Maria konjuġi Farrugia, b'dana għalhekk illi wiret sehem wieħed minn ħamsa (1/5) ta' disat (9) itmiem;

- Mill-banda l-oħra, ir-rikorrent **Raymond Farrugia**, u cioe iben Antonia Zammit, bint Carmelo u Maria Farrugia, akkwista sehem ommu mill-għalqa mertu tal-kawża odjerna *per via di successione*, stante illi, skont id-dikjarazzjoni *causa mortis* datata għoxrin (20) t'Awwissu 2014[7], huwa kien l-unika eredi universali tagħha;

- Fir-rikors ġuramentat tagħhom, ir-rikorrenti jippremettu wkoll illi Vincent Farrugia, cioe l-eredi ta' Carmelo u Maria Farrugia, kien akkwista s-

[4] **Dok D** anness mar-rikors promtour, a fol 14 *et seq* tal-proċess
[5] **Dok H** a fol 23 *et seq* tal-proċess
[6] **Dok I** a fol 29 *et seq* tal-proċess
[7] **Dok I** a fol 33 tal-proċess

sehem t'oħtu Margaret, b'dana għalhekk illi kellu żewġ ishma minn ħamsa (2/5) ta' disat (9) itmiem, u li l-intimati Joseph Zahra u wliedu Andrew u Matthew Zahra, akkwistaw l-ishma ta' Vincent u sehem Francis Farrugia, illi kien ukoll eredi ta' Carmelo u Maria Farrugia, b'dana illi l-intimati **Joseph u Josephine Zahra u Andrew u Matthew Zahra** kienu, fil-punt illi fih ġiet intavolata l-kawża, proprjetarji ta' tliet ishma minn ħamsa (3/5) ta' disat (9) itmiem raba' mertu tal-kawża odjerna. Huwa minnu illi ma tressqux provi sabiex jissostanzjaw dawn it-trasferimenti, iżda l-konvenuti Zahra fl-ebda punt ma jikkontestaw il-fatti esposti fir-rikors ġuramentat mir-rikorrenti, anzi jikkorraborawhom;

41. Jiġi senjalat illi fid-dokumenti suriferiti ma saret l-ebda referenza għar-razzett illi jinsab fir-raba' mertu tal-kawża odjerna;

42. Fil-mori tal-kawża odjerna, saru xi trasferimenti illi ssimplifikaw iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern:

- Wara li ġie nieqes ir-rikorrent **Paul Farrugia** fil-mori tal-kawża nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju 2022[8], l-eredi tiegħu Roberta Farrugia biegħet sehem missierha mill-għalqa permezz t'att datat sbatax (17) ta' Jannar 2023 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Daniel John Bugeja lill-intimati Joseph Zahra u Josephine Zahra għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija Vaxxella Construction Company Limited[9];

- Ir-rikorrent **Raymond Zammit** daħal fi ftehim mal-intimati Zahra, b'dana illi permezz ta' konvenju datat ħamsa u għoxrin (25) t'April 2023, huwa obbliga ruħu li jbigħ u jittrasferixxi lil Joseph Zahra, illi deher għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Vaxxella Construction Company Limited, sehmu mir-raba' mertu tal-kawża odjerna[10]. Fit-trattazzjoni finali, il-legali tal-intimati Zahra

---

[8] **Dok PF1** a fol 98 tal-proċess
[9] **Dok RF1**a fol 108 tal-proċess
[10] **Dok K** a fol 115 *et seq* tal-proċess

jikkonferma illi Raymond Zammit għadda sehmu mill-proprjeta' lill-intimati Zahra[11];

43. F'dawn iż-żewġ trasferimenti tal-aħħar, minbarra s-sehem indiviż mir-raba', ġie trasferit ukoll sehem wieħed minn ħamsa (1/5) tar-razzett illi jinsab fir-raba'. Din il-Qorti rat illi għalkemm ir-razzett ma jissemmiex fil-kuntratti tal-1953 u 1955, jissemma fil-kuntratt tal-1945, fejn Carmelo Farrugia kien akkwista parti waħda minn ħamsa 'mill-għalqa bir-razzett ġo fiha'. Għaldaqstant, din il-Qorti tasal tikkonkludi illi r-razzett kien ukoll jappartjeni lill-istess proprjetarji tal-għalqa fl-istess kwoti bejniethom, u dan anke fin-nuqqas ta' kontestazzjoni ta' dan il-fatt da parti tal-intimati, b'mod partikolari tal-intimat Andrew Galea, illi huwa l-eredi, flimkien ma' sidien magħrufa, tal-għaxart itmiem l-oħra. Fir-rikors ġuramentat, ir-rikorrenti jsostnu: (a) illi r-razzett jinsab fil-pussess tar-rikorrenti u tal-intimati Zahra, u (b) illi kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-intimat Andrew Galea kienu qablu dwar pjan ta' qasma illi fih ir-razzett kien jinqasam f'ħames porzjonijiet sabiex jirrifletti l-ħames ishma illi fihom tinqasam ir-raba' fl-intier tagħha[12]. Għaldaqstant, l-intimati kienu ben konxji tal-pretensjoni vantata mir-rikorrenti, iżda għażlu illi ma jikkontestawx l-istess. Lanqas tressqet xi prova da parti tal-intimati jew min minnhom illi b'xi mod ixxejjen jew tikkontradixxi l-pretensjoni tar-rikorrenti;

44. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tinsab sodisfatta bil-prova ta' titolu tad-disat (9) itmiem, b'dana illi tista' tilqa' l-ewwel żewġ talbiet rikorrenti, u dwar il-fatt illi r-razzett kien ukoll miżmum in komun bejn l-eredi ta' Carmelo Farrugia, b'dana għalhekk illi kull sehem indiviż mir-raba' jġorr ukoll miegħu sehem indiviż mir-razzett.

B. <u>Diviżjoni</u>

45. L-Artikolu 496(1) tal-Kap 16 jgħid illi:

[11] A fol 153 tal-proċess
[12] Pjan ta' qasma tar-razzett esebita a fol 20

> *Ħadd ma jista' jkun imġiegħel jibqa' fil-komunjoni, kull wieħed mill-komproprjetarji jista' dejjem, għad li jkun hemm ftehim xort'oħra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm b'testment li din il-qasma m'għandhiex issir jew li għandha tinżamm sospiża skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 906.*

46. In oltre, imbagħad, l-Artikolu 515 tal-Kap 16 jistabbilixxi illi:

> *Meta l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta' xorta differenti iżda tal-istess valur, dawk il-beni jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom.*

47. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Annalise Camilleri et vs Dr Mark Mifsud Cutajar noe et***[13]:

> *It-talba sabiex ġid immobbli miżmum minn għadd ta' sidien jinbiegħ b'liċitazzjoni, trid titqies fid-dawl tal-prinċipji ewlenin li jsawru l-istitut tal-liġi li titkellem dwar ġid komuni. Fost dawn il-prinċipji hemm dak li kull wieħed mis-sidien ta' ħaġa komuni għandu l-jedd li jieħu s-sehem tiegħu tal-ġid in natura* [Art 502 tal-Kap 16]*, u l-prinċipju l-ieħor li ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jibqa' jżomm ħaġa flimkien ma' ħaddieħor.* [Art 496 tal-Kap 16]
>
> *Għalhekk, meta ssir il-qasma, r-regola hija li kull wieħed mis-sidien jieħu (skont is-sehem tiegħu) biżżejjed mill-ġid komuni fil-kwalita' li dak il-ġid ikollu fil-waqt tal-qasma. Dan iġib miegħu l-effett li l-liċitazzjoni hija l-eċċezzjoni għar-regola* [Ara App Ċiv 5.3.1954 fil-kawża fl-ismijiet *Baldacchino et vs Baldacchino*, Kollezz Vol

[13] Rik Nru 814/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ G Mercieca, 9 ta' Diċembru 2021 (in ġudikat)

XXXVIII.105] *u tikkwalifika bħala rimedju straordinarju fil-konfront tar-rimedju ordinarju tal-qasma in natura.* [App Ċiv 15.7.1969 fil-kawża fl-ismijiet *Rita Grech et vs Gużeppi Zammit et* (mhux pubblikata)] *Kemm hu hekk, l-artikolu 515 tal-Kap 16 ifisser f'liema ċirkostanzi għandha ssir.*

*Għandu jibqa' dejjem meqjus li l-liċitazzjoni ssir inevitabbli biss fejn il-ġid komuni ma jkunx jista' jinqasam mingħajr xkiel jew fejn ikun hemm xi ġid li l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun tista' jew tkun trid tieħu għandha. Illi ngħad li l-kliem "bla xkiel" fil-liġi jfissru bħala "mingħajr ma ssir ħsara lill-interessi ta' dawk li qegħdin jaqsmu", filwaqt li "bla ħsara" jfissru "mingħajr ma jkun hemm tnaqqis fil-valur tal-ġid bil-qasma tiegħu."* [Ara, per eżempju, PA PS 27.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet *Anthony Abela pro et vs Joseph Abela et*] *Il-kwestjoni għalhekk dwar jekk għandhiex tiġi ordnata l-liċitazzjoni bħala mezz estrem biex wieħed joħroġ mill-komunjoni, minflok ir-rimedju ordinarju tad-diviżjoni, tirriduċi ruħha f'jekk il-qasma materjali hijiex possibbli* [App Ċiv 22.12.1948 fil-kawża fl-ismijiet *Xuereb et vs Dimech et* (Kollez Vol XXXIII.i.369] *fil-limiti hawn fuq imfissra.*

48. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti u l-intimati Zahra qablu illi r-raba' mertu tal-kawża odjerna hija komodament diviżibbli f'disat (9) itmiem u għaxart (10) itmiem;

49. Fir-rapport tiegħu[14], il-Perit Tekniku jgħid:

[14] A fol 125 *et seq* tal-proċess

*05. Waqt is-seduta tat-13 t'April il-partijiet kienu iddikjaraw fost affarijiet oħra, illi ir-razzett kellu jiġi inkluż mad-9 ti Tmiem* (sic).

*06. Minbarra dan, fil-kors tal-perizja seħħew żviluppi billi il-konsulent tal-intimati bagħat e-mail fis-17 ta' Mejju 2023, ikkupjata lill-partijiet l-oħra fejn infurmah illi:*

*Il-klient tiegħi xtara il-parcel art appartenenti lil Paul Farrugia u qiegħed fuq konvenju sabiex jixtri dik appartenenti lil Raymond Zammit. Minħabba f'hekk ma hemmx bżonn li jinqasam ir-razzett għaliex dan issa ser jsir kollu proprjeta' tal-klient tiegħi.*

*Id-diviżjoni meħtieġa hija biss bejn l-10 tomniet tal-familja Galea u id-9 tomniet tal-familja Zahra.*

*07. Għal dan il-partijiet l-oħra ma ressqux oġġezzjoni. Dan ifisser illi il-qasma kellha tikkonsisti biss filli l-art inqasam f'biċċtejn, waħda ta' 10 ti Tmiem* (sic) *li trid tiġi assenjata lil familja Galea, u l-oħra ta' 9 ti Tmiem* (sic) *bir-razzett illi trid tiġi assenjata lill-familja Zahra.*

50. Hekk kif ġie osservat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Simone Eve Collette Sammut et vs Adam Sammut et***[15]:

*Għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt, dan ma jfissirx pero', illi Qorti dan tista' tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tal-Qorti għandha tkun ben informata u bbażata fuq*

[15] Rik Nru 1047/2014/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 17 ta' Marzu 2021

*raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet* ***Grima v. Mamo et noe****). Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta' lilha mogħtija ta' talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, sakemm ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Ġunju, 1967, fil-kawża fl-ismijiet* ***Giswarda Bugeja et v. Emanuele Muscat et****, Kollez. Vol. LI.I.389).*

51. Il-Perit Tekniku ppropona s-segwenti qasma[16]:




[16] A fol 133 tal-proċess

52. Din il-Qorti rat illi:

   a. Il-qasma kif suġġerita mill-Perit Tekniku ma tiħux in konsiderazzjoni l-fatt illi hemm sidien mhux magħrufa, kif ukoll l-intimat Andrew Galea, illi għandhom ukoll sehem mir-razzett;

   b. Il-Perit Tekniku ma ntalabx jagħmel valutazzjoni, u lanqas għamel valutazzjoni minn jeddu, tar-razzett u ta' kull porzjon raba' kif pjanati;

53. Din il-Qorti tirrileva, iżda, illi jekk ir-raba' kienet ser tinqasam bejn disat (9) itmiem u għaxart (10) itmiem, din il-qasma kellha tkun riflessa wkoll fil-każ tar-razzett. Minkejja dak illi ġie mniżżel fl-email tas-17 ta' Mejju 2023 illi jidher illi ġiet spedita lill-Perit Tekniku, ma nġabet l-ebda prova illi r-razzett jappartjenu unikament lis-sid tal-porzjon art li jinsab fuqha. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tqis illi, sempliċiment għaliex ir-razzett qiegħed fil-porzjon illi l-konjuġi Zahra qed jippretendu illi jiġi assenjat bħala sehemhom, huma għandhom ukoll dritt fuq ir-razzett fl-interita' tiegħu;

54. Huwa minnu illi l-pjan ta' qasma propost mill-Perit Tekniku juri l-aktar qasma prattika, u cioe illi min jieħu l-Porzjon A jieħu wkoll ir-razzett ta' fuqha; madanakollu, dan m'għandux jippreġudika d-dritt tal-intimati l-oħra għal sehemhom mir-razzett in kwestjoni. Din il-Qorti kienet tippretendi illi, se mai, jingħata valur lil kull porzjon raba' u lir-razzett, b'dana illi l-Qorti tkun tista' tara illi d-diviżjoni qed issir b'mod ġust ma' kull min għandu sehem mir-raba' u mir-razzett, sabiex, fil-każ illi l-valuri jvarjaw, titħallas ekwiparazzjoni ġusta lil min ma jkunx ser jiġi assenjat sehem mir-razzett;

55. Lanqas tista' din il-Qorti tordna illi r-razzett jibqa' miżmum in komun filwaqt illi tiġi diviża r-raba' illi fiha jinsab, stante illi min ikun fadallu dritt għar-razzett iżda jiġi assenjat il-Porzjon B, jiġi kostrett illi jitlob il-ħolqien ta' servitu' tal-mogħdija sabiex ikun jista' jaċċedi għar-razzett, ħaġa illi l-liġi ssostni illi għandha tiġi evitata f'qasma (Art 504 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

56. Din il-Qorti għandha għalhekk quddiemha sitwazzjoni fejn, fuq naħa l-waħda hemm raba' illi hija komodament diviżibbli, u fuq in-naħa l-oħra hemm razzett illi ma jirriżultax lil din il-Qorti illi huwa komodament diviżibbli;

57. Fin-nuqqas ta' valur mogħti minn espert, din il-Qorti ssib ruħha f'impossibilita' illi tordna diviżjoni, stante illi ma tistax b'konvinċiment morali taċċerta ruħha illi qasma skont il-pjan ta' qasma mħejji mill-Perit Tekniku ma tkunx ta' preġudizzju għall-intimat Galea u s-sidien l-oħra mhux magħrufa, filwaqt illi lanqas hija f'pożizzjoni illi tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni, stante illi ma tirriżultax mill-atti stima tal-valur tar-raba' u r-razzett mertu tal-kawża odjerna;

58. Konsegwentement, sprovvista minn prova fundamentali illi hija l-unika prova illi setgħet twassal lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi a favur tar-rikorrenti u, fl-istess ħin, tal-intimati Zahra billi tordna d-diviżjoni jew il-bejgħ b'liċitazzjoni, din il-Qorti m'għandha l-ebda alternattiva għajr illi **tiċħad** it-tielet u r-raba' talbiet rikorrenti, u **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames u sitt talbiet rikorrenti.

**Decide**

59. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tilqa' l-ewwel talba rikorrenti**, u tillikwida l-eredita' derivanti mid-defunt Karmenu Farrugia fi kwoti ndaqs ta' wieħed minn ħamsa (1/5) favur il-ħames uliedu, u cioe r-rikorrent Paul Farrugia, Margaret Farrugia miżżewġa Zahra, Vincent Farrugia, Antonia Farrugia miżżewġa Zammit u Francis Farrugia;

ii. **Tilqa' *in parte* t-tieni talba rikorrenti,** u, fid-dawl ta' dak illi seħħ fil-mori tal-kawża, tiddikjara illi l-inimati konjuġi Zahra u uliedhom jippossjedu disa' (9) tomniet raba', filwaqt illi l-intimat Andrew Galea u sidien oħrajn mhux magħrufa jippossjedu għaxar (10) tomniet raba';

iii. **Tiċħad** it-tielet u r-raba' talbiet rikorrenti għar-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza;

iv. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ħames u sitt talbiet rikorrenti, stante illi ġew miċħuda t-tielet u r-raba' talbiet.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**